# IL-QANPIENA

Awwissu 2009 | Parroċċa Sant'Elena - Birkirkara | Ħarġa Numru: 338

## INSELLMILKOM



Il-Prepostu - Dun Anton Cassar

### Għalfejn Niċċelebraw?

F'Awwissu tas-Sena 2010 ix-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna tal-Ħerba tagħlaq 100 sena minn meta ġiet inkurunata. L-inkurunazzjoni 100 sena ilu, saret bħala espressjoni ta' devozzjoni u ringrazzjament lejn Ommna Marija. Xhieda ta' dan huma l-pellegrinaġġi, l- ex voto, wegħdi u talb. Ġrajjet Birkirkara huma minsuġa ħaġa waħda mal- Madonna tal-Ħerba. Flimkien ma' devozzjoni lejn Sant'Elena bħala Kolleġġjata kien hemm id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija.

Din it-tifkira ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna , tfakkarna f'ċerti testi tal-Bibbja: fosthom nħoss li hemm silta li taqbel ma' titlu tal-Madonna tal-Ħerba, titlu li għadu attwali għall-ħerba u rovina li aħna mdawrin bih: "Hieni il-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuH" (Ġk 1,12)
Anke l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzoni "Dawl tal-Ġnus" Lumen Gentium para.. 59 jgħid li Marija" wara li temmet il-kors ta' ħajjitha fuq l-art, ittellgħet fil-Glorja tas-sema bir-ruħ u bil-ġisem u tgħolliet mal-Mulej bħala Sultana ta' l-univers kollu biex tixbaħ iktar bis-sħiħ lil Binha, Sultan tas-slaten u rebbieħ fuq id-dnub u fuq il-mewt."
**B'dawn il-ħsibijiet xtaqt nistedinkom biex tħarsu lejn dan l-avveniment bħala mezz ta' qawmien spiritwali fil-Parroċċa tagħna; kif titlob il-Knisja fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' llum. Marija qaddejja hija l-mudell tal-Knisja fid-dinja. Marija Reġina hija l-Ikona tal-Knisja fil-Ġenna.**

F'dan ix-xahar ta' Awwissu nagħmlu ukoll il-festa tal-Patruna tagħna Sant'Elena. Ejjew nħallu lil Sant' Elena tispirana fil-ħajja tagħna nisranija. It-tieni nixtieq inħeġġiġkom biex fil-jiem tal-festa tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja. Fl-aħħar nappella biex **inżommu ambjent sabiħ u nadif mingħajr eżaġerazzjoni, piki u mġieba barra minn postha b'mod speċjali fil-marċijiet, li jtellfu aktar milli jsebbħu l-festa.**

**Nawgura l-festa t-tajba lil Kulħadd.**

**Il-Mulej iberikkom.**

***Dun Anton***

**UFFIĊĊJU PARROKKJALI**

4 Triq is-Santwarju
Birkirkara BKR 2304

Tel. 21444725
Fax. 21445540
info@bazilikasantelena.com
www.bazilkasantelena.com

**Ħinijiet tal-Uffiċċju:**
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa

Fil-għodu 10.00 - 11.45
Fil-għaxija 5.00 - 7.00

**Prepostu Arċipriet:**
Dun Anton Cassar

**Viċijiet:**
Kan Dun Michael Borg
Kan Dun Charles Gauci

**Fil-Bażilka**
**Qrar:**
**Is-Sibt:** mill-3.45pm 'l quddiem
**Il-Ħadd:** Fil-għodu u fil-għaxija, bejn kull Quddiesa. (Sagristija).

CASA ANTONIA

Residential and Nursing Home
Pope Alexander VII Junction
Balzan BZN 02

**Informazzjoni:**
Tel: 21470677/8
Fax: 21496278
Website: www.casa-antonia.com.mt
email: info@casa-antonia.com.mt

John Tonna
Tel: 21440146

## Kalendarju Liturġiku AWWISSU

### Programm tal-Festa Solenni f'ġieħ il-Patruna Santa Elena Imp.Aug.f'Birkirkara 2009

**It-Tnejn 3 ta' Awwissu bi preparazzjoni għall-Festa**
7.30pm Quddiesa fil-Pjazzetta ta' wara Il-Block B ta' Flats ma' Ringiela C u E3 għar-Residenti ta' dawk l-inhawi. Wara Get Together.

**Il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu bi preparazzjoni għall-festa.**
7.30pm Quddiesa fil-Ground tal-Ġnien fi Triq John Borg ma' Triq Melitella għall-familji li joqgħodu f'dawk l-inħawi. Wara "Get Together".

**It-Tnejn 10 ta' Awwissu bi preparazzjoni għall-Festa**
7.30pm Quddiesa fil-Ground tal-Flats li hemm bejn Triq Casolani ma' Triq Girasole għar-Residenti li joqgħodu f'dawk l-inħawi. Wara "Get together."

**It-Tlieta 11 ta' Awwissu Jum iż-Żgħażagħ**
8.00pm Quddiesa fuq iz-Zuntier tal-Bażilika u wara laqgħa soċjali. Ser janima bil-kant il-grupp popolari.

**L-Erbgħa 12 ta' Awwissu: Jum it-Tfal**
5.30pm It-tfal jinġabru ħdejn il-Knisja ta' San Pawl minn fejn jingħata bidu għall-Purċissjoni ferrieħa bl-Istatwa ta' S. Elena. Jieħdu sehem ukoll il-Bandisti żgħażagħ.
6.30pm Bażilika: Quddiesa animata mit-tfal stess. Iqaddes Rev. Kap Dun Michael Bugeja Kappillan tal-Parroċċa San Gużepp Ħaddiem.

**Il-Ħamis 13 ta' Awwissu : Jum l-Ewkaristija**
6.30pm Quddiesa b'suffraġju tal-mejtin tal-Parroċċa l-benefatturi mejtin. Titmexxa mill-Kan.Vinċenz. Demicoli.
7.00pm Bażilika: Adorazzjoni madawar Ġesu' Espost fl-Ewkaristija bi tħejjija għall-festa. L-adorazzjoni titmexxa mis-Saċeredoti tal-Parroċċa.

*ikompli f'paġna 3...*

*...ikompli minn paġna 2*

**Is-Sibt 15 ta' Awwissu Festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna**
Bażilika: Quddies bħal ta' nhar ta' Ħadd.

**It-Tnejn 17 ta'Awwissu; Ħruġ ta' l-Istatwa Artistika ta' Santa Elena min-niċċa.**
7.00pm Quddiesa b'ringrazzjament għall-ħidma li twettqet matul din is-sena mmexxija mill-Kan. Dekan Anton Malllia Borg.
Fil-Quddiesa jingħata l-mandat lir-reffiegħa tal-Vara. Isegwi l-Ħruġ Tradizzjonali ta' l-Istatwa ta' S. Elena. Hi tiġi milqugħa fuq iz-Zuntier mill-Poplu Karkariż b'Innu mill-Banda Duke of Connaught.

**It-Tlieta 18 ta' Awwissu JUM LITURGIKU TA' SANTA ELENA**
**Jum dedikat għas-Saċerdoti u Reliġjużi Rġiel u Nisa minn Birkirkara jew li jaħdmu f'Birkirkara.**
6.30pm Dun Nicholas Doublet Saċerdot novell jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għall-Ordinazzjoni tiegħu.

**L-Erbgħa 19 ta' Awwissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu**
7.00pm Bażilika Quddiesa ppreseduta minn Mons Carmelo Cassar f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni tiegħu.
Jippriedka Patri Amadeo Zammit O.C.

**Il-Ħamis 20 ta' Awwissu It-Tieni Jum tat-Tridu :Jum l-Għaqdiet u Operaturi Pastorali**
9.00am Bażilika:Quddiesa għall-morda anzjani u persuni bi bżonnijiet spe'jal
7.00pm Quddiesa tat-Tridu ppreseduta mir-Rev. Patri Charles Baldacchino li jagħlaq 25 mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**Il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu It-Tielet Jum tat-Tridu: JUM IL-FAMILJA Il-familji madwar S. Elena.**
**Mistiedna koppji li għalqu 10, 25, 40 , 50 u 60 sena miżżewġin**
7.00pm. Quddiesa ppreseduta mill-Kan. Joseph Fenech li jagħlaq 50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Minħabba li fl-aħħar mument il-Kan. Fenech ma setgħax ikun magħna ser imexxi Fr. Ronnie Zammit saċerdot novell li se jaħdem fostna.

**Is-Sibt 22 ta' Awwissu** Lejlet il-Festa tal-Qaddisa Patruna
8.30am Bażilika:Reċita korali tal-Liturġija tas-Sigħat mill-Kapitlu Elenjan.
9.00am Kant Solenni tal-Martiroloġju.
9.15am Konċelebrazzjoni solenni preseduta mill-Kan Te¿orier Ġużepp Micallef u Kant Solenni tat-Te Deum.
5.15pm Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Kap Patri Joe Saliba O.Carm Kappillan tal-Madonna tal-Karmnu Fleur de lys.
6.30pm Transulazzjoni Solenni u Reċita tal-Primi Vespri
8.00pm Quddiesa ċċelebrata mill-Patri Charles Baldacchino. OFM Conv.

*ikompli f'paġna 4...*

*...ikompli minn paġna 3*

**Il-ĦADD 23 ta' Awwissu Jum il-Festa ta' Sant'Elena Imp. Aug.**

5.00am; 6.00am u 7.00am Quddies

| | |
|---|---|
| 7.45am | Laudi Prepositali u reċita ta' l-Hora Media. |
| 8.00am | Proċessjoni Solenni bl-Istatwa Maestuża ta' Santa Elena Imperatriċi Awgusta Imexxi ir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Kan. Anton Cassar. Takkompanja l-Banda Duke of Connaught.. |
| 10.30am | Dħul tal-Proċessjoni, Kant tal-Antifona, Bews tar-Relikwija u immedjatament wara tibda Quddiesa Solenni. Jinseg il-Paniġierku ir-Rev. Dun Karm Mercieca Kappillan tal-Parroċċa tal- Melllieħa. |
| 6.00pm | Quddies mmexxija mill-Kap.Dun Lino Azzopardi Kappillan ta' Santa Marija Birkirkara |
| 7.00pm | Sekondi Vespri |
| 7.30pm | Ir-Rev.mu Kapitlu joħroġ mill-Bażilika għad-Domus Curialis biex jakkumpanja lill-Mons Arċisqof Paul Cremona O.P. sal-Kolleġġjata fejn issir ir-Repożizzjoni tar-Relikwija ta'S. Elena. |

**Is-Sibt 29 ta' Awwissu**

| | |
|---|---|
| 6.30pm | Quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq il-Festa. Wara d-Dħul ta' l-Istatwa fin-Niċċa. |

**L-Orkestra u l-Kor, fil-jiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Carmel Grech.**
**BAŻILIKA: Lejljet il-Festa l-Bażilika tagħlaq fil-11.00pm u nhar il-festa fl-10.00pm.**
**AWLA KAPITULARI: is-Sibt u l-Ħadd tkun miftuħa bejn is-7.00pm u d-9.00pm.**

---

## FJURI LI MA JINXFUX.

**Minbarra l-bukketti ta' fjuri li jitqiegħdu fil-Knisja, se jkun hemm bukketti ta' fjuri li ma jinxfux. Il-Kapitlu Elenjan iddeċieda li quddiem l-Istatwa ta' Sant'Elena jkun hemm żewġ noticeboards apposta għal cards bl-ismijiet ta' min jagħti offerta. Din is-sena l-offerta ser tmur ghad-Dar tal-Providenza.**

**Min jixtieq joffri €8 jew iżjed flok bukkett fjuri quddiem l-Istatwa fiż-żmien tal-festa jista' jmur fl-Uffi"ju Parrokkjali jew jikkuntattja lil xi saċerdot u hekk ikun qed iwettaq dak li nkantaw fl-antifona lill-Qaddisa.**

*Manum Suam:*
*Fetħet idejha mal-fqir*
*Meddet idejha lejn l-imsejknin*
*U ħobż il-għażż ma kielitx.*

# NIFIRĦU

Nifirħu lid-**Djaknu Nicholas Doublet** mill-Parroċċa tagħna li nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju 2009 irċieva l-Ordinazzjoni Sagra. Fr. Nicholas waqt li ser ikompli l-istudju tiegħu s-superjuri bagħtuh joffri s-servizz tiegħu fil-Parroċċa tal-Mosta. **Ad Multos Annos.**

Nifirħu u nilqgħu fostna lil **Dun Ronnie Zammit** mill-Parroċċa ta' Ħ'Attard. Hu ġie ornat saċerdot flimkien ma' Dun Nicholas Doublet nhar it-3 ta' Lulju 2009. Is-superjuri tiegħu assenjawh fil-Parro"a tagħna ta' Sant'Elena; waqt li jkompli l-istudji tiegħu fil-Fakulta ta' Teoloġija ġewwa l-Universita' tal-Qroqq. **Ad Multos Annos.**

Bħala sinjal ta' Knisja Universali - Knisja Waħda, żewġ Kanonċi mill-Kolleġġjata ta' Sant'Elena qegħdin joffru s-servizz saċerdotali tagħhom f'ħidmiet barra minn Malta.

**Il-Kan. Joe Debono** qed joffri s-servizz tiegħu saċerdotali bħala " Associate Pastor" fid-Djoċesi ġewwa l-Ġermanja.

**Il-Kan. Etienne Sciberras** ser ikun jagħti s-servizz tiegħu saċerdotali f'wieħed mid-Dekasteri tal-Vatikan fl-Uffiċċju tal-'Propasganda Fise'. Waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li huma taw lill-Poplu ta' Alla fil-Parroċċa tagħna, nawgurawlhom fix-xoghol ġdid li l-Mulej sejħilhom permezz tas-Superjuri tagħhom fil-għalqa tal-Mulej.

Nifirħu wkoll lil żewġ saċerdoti:
**Mons. Carmelo Cassar** mill-Parroċċa tagħna u lil **Kan. Joseph Fenech** Kan.Onorarju ta' Kolleġġjata S.Elena li qed jgħix il-Kanada, f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.
F'din is-Sena dedikata lis-Saċerdot huma se jroddu ħajr lil Alla f'wieħed mill-ġranet tat-Tridu tal-Festa.
**Fr. Charles Baldacchino OFM Conv.** ukoll mill-Parroċċa tagħna se jrodd ħajr lil Alla f'għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

**Jalla din is-sena dedikata lis-Saċerdot mill-Papa Benedittu XVI issejjaħ u tagħmel kuraġġ lill-ġuvintur u tfajliet biex iwieġbu għas-sejħa tal-Mulej fil-qadi saċerdotali jew ħajja reliġjuża. Ad Multos Annos.**

**Sr.Vincenza Psaila O.P. bint Birkirkara u soru Dumnikana,** fit-28 ta' Ġunju fakkret il-50 sena tal-Ħajja Reliġjuża tagħha. Hi qed tagħti s-servizz tagħha ġewwa Ruma. **Nifirħulha u nawgurawlha.**

---


Monica Nails
Nail Extensions
Pedicure • Manicure • Waxing
Head & Neck Massage
Full Body Massage
Makeup for all occasions
Weight Management
Tel: 2141 7056 • Mob: 7931 6738

**1910 - 2010 - Sena Ċentinarja**

## INKORONAZZONI TAL-MADONNA TAL-ĦERBA



Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla se tkun għaddiet mitt sena minn meta x-xbieha ta' Sidtna Marija, meqjuma fis-Santwarju antik u devot magħrufa bħala Tal-Ħerba,kienet Sollenniment Inkoronata nhar is-7 ta' Awwissu 1910 mill-Arċisqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Monsinjur Pietru Pace.

Għal dan il-għan qed jitħejja programm ta' attivitajiet, prin'ipalment reliġjużi u ta' katekeżi li se jibdew minn din is-sena stess, u jwasslu għall-attivitajiet ewlenin li se jsiru qrib id-data msemmija fuq, is-sena d-dieħla.

Hekk, barra milli qed titkompla d-devozzjoni Marjana ta' kull l-Ewwel Sibt tax-xahar, minn Mejju ta' din is-sena bdiet issir laqgħa ta' talb kull tieni Erbgħa tax-xahar fl-10.00am bi tħejjija għal din ir-rikorrenza.

L-inawgurazzjoni tas-sena Ċentinarja se ssir fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ħerba ta' din is-sena bejn l-Erbgħa 29 ta' Lulju u l-Ħadd 2 ta' Awwissu. Għal dan il-għan se jsir *facsimile* mdaqqsa tal-kwadru inkoronat li se jittieħed proċessjonalment fil-Bażilika fejn ikun espost għas-sena Ċentinarja u tinxtegħel lampa apposta li se ddum għall-istess sena. Dak inhar ukoll ikunu ppreżentati xbihat i¿għar tal-Madonna tal-Ħerba li għandhom ikunu esposti għall-qima fi knejjes oħra f'Birkirkara matul din is-sena ta'-Ċentinarju.

Il-ħsieb huwa li din ma tkunx sempli'iment tifkira ta' ġrajja li seħħet darba mitt sena ilu, imma tkun okkażjoni biex titkebbes aktar il-qima lejn Sidtna Marija tal-Ħerba..Għalhekk matul din is-sena, fil-festi Marjana u f'okkażjonijiet oħra, fis-Santwarju nnifsu, fil-Bażilika u fil-knejjes fejn tkun esposta x-xbieha tal-Madonna tal-Ħerba, għandha tingħad talba apposta li saret għal dan iċ-ċentinarju Marjan f' Birkirkara.

Aktar tard din is-sena mbagħad, il-Kors tal-Bibbja li soltu jsir fil-Parroċċa tagħna fiċ-Ċentru Parrokkjali Sant' Elena mill-Kan. Karm Attard, se jikkonċentra fuq tematika Marjoloġika, biex ikun marbut ukoll ma' dan iċ-ċentinarju. Dan il-Kors isir fix-xhur ta' Ottubru u Novembru. Dettalji oħra dwar dan jitħabbru aktar 'il quddiem.

Barra minn dan qed jitfasslu attivitajiet oħra partikulari li jibdew minn Jannar tas-sena id-dieħla u jasal fil-qofol tagħhom is-Sibt 7 ta' Awwiissu 2010, l-anniversarju propju, meta matul il-ġimgħa ta' qabel tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa.

Hekk f'xi jum matul il-Ġimgħa bejn 18 u l-25 ta' Jannar, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara, fis-Santwarju se ssir quddiesa minn Mons. Arkimandrita George Mifsud Montanaro Prot.Ap. Nhar it-2 ta' Frar 2010, li tkun il-festa tal-Purifikazzjoni ta' Marija jew kif popolarment magħrufa tal-Kandlora, u hu Jum il-Ħajja Kkonsagrata, hu maħsub li ssir attivita' għar-Reliġjużi Rġiel u Nisa.

*ikompli f'paġna 7...*

*...ikompli minn paġna 6*

Fost attivitajiet oħra, hemm maħsub li ssir waħda għall-abbatini, fuq skala nazzjonali; waħda għall-familji; attivita' għall-adolexxenti fuq bażi ta' Unita' Parrokkjali. Imbagħad minn Mejju 2010, fis-Santwarju, kull nhar ta' Erbgħa jibda jkun hemm quddiesa ċċelebrata minn retturi oħra ta' Santwarji Marjani f'Malta u Għawdex.

## *FESTA TA' SANTU ROKKU 2009_ -_ IL-ĦADD 16 TA' AWWISSU*

8.00 am. Quddiesa , iċċelebrata mir-Rev.mu Prepostu Arċipriet Kan.Dun Anton Cassar, Rettur tal-Knisja Santu Rokku. Wara l-Quddiesa ssir l-inawgurazzjoni tas-saqaf tal-knisja li tneħħietlu ż-żebgħa u nġieb għall-istat oriġinali tiegħu. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Mario Fenech, taħt is-sorveljanza tal-Perit Joe Bugeja.

10,00am Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Kan. Dun Karm Calleja

5.30pm Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Dun Michael Galea. Wara ssir it-Talba lil Santu Rokku u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.



### *MATHS REVISION LESSONS*

FORM 3 students preparing
for Form 4
Birkirkara (Central Area)
Tel. No: 21 499 409
Mob: No: 99 660 024





# Mill-ħajja tal-Parroċċa

## Ġunju

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

Patrick Norman Calleja - Jean Theobald
Christopher Galea - Maria Grima
Duncan Gauci - Marisa Agius
Kevin Farrugia - Antonella Camilleri
Mark Anthony Mercieca - Olivia Difesa
Malcolm Farrugia - Charlene Simiana
Norbert Zammit - Caroline Ellul
Alan Micallef - Charmaine Gauci

### Issieħbu fil-Knisja permezz tal-Magħmudija:

Maya Elenia Marshall
Amy Michela Magari
Mikele Cuschieri
Samuel Tesi
Mirei Camilleri
Ellisa Borg
Cristina Debono
Aden Attard
Kaylyn Mallia

### Ingħaqdu mal-Mulej fil-Mistrieħ ta' Dejjem:

Theresa Borg
Emmanuele Micallef
Lorenzo Grech
Francesco Saverio Sammut
Helen Zammit
Vincenza Farrugia
Joseph Borg
Concetta Briffa
Carmela Borg
James Sant

## Suffraġji

* Mary Micallef, binha Joseph u l-mara tiegħu Alison joffru €4 b'suffraġġju tal-għażiż tagħhom Paul li għalaq 8 snin mejjet fil-25 ta' Ġunju.
* Il-Familja Debono joffru €10 b'suffraġju tal-għażiż missierhom Salvu Debono.
* Rita Casha, nanna ta' Annabelle toffri €5 euro b'suffraġju ta' ruħha li tagħlaq 5 snin mejta fil-15 ta' Awwissu.
* Ġemma Pullicino w uliedha joffru €7 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Ġużeppi Pullicino li fit-13 ta' Awwissu jagħlaq 11-il sena mejjet u tal-għeżież ommha u missierha Marija u Franġisku Tabone fl-anniversarju ta' mewthom.
* Jane Grech u wliedha joffru €10 b'suffraġju tal-għażiż tagħhom Lorenzo Grech li jagħlaq 5 snin mejjet fil-25 ta' Awwissu.
* Vince Micallef u wliedu joffru €5.00 b'suffraġju tal-għażiża tagħhom Christine li tagħlaq 13-il sena mejta.
* Marija Mifsud toffri €5.00 b'suffraġju tal-għażiż tagħha Angelo Mifsud li jagħlaq 4 snin mejjet fit-23 ta' Awwissu.
* Il-familja Sacco toffri €5.00 b'suffraġju tal-għeżież membri mejtin tal-familji Sacco u Borg.
* Marija Borg u wliedha joffru €10 b'suffraġju tal-għeżież tagħhom Ġużepppi Borg, Sunny Borg, Ġużeppa Borg, Manwel Borg u Roderick Borg.
* N.N. toffri €5 b'suffraġju tal-għeżież tagħha Frans u Joe Zammit.

## Ħbieb

Joe Cini €5.00; Anna Ciliberti €5.00; Margaret Cauchi €5.00; permezz ta' Ginnie Grech minn Dun Perin Lane €2.00; Permezz ta' Carolina Debono €3.19.

LAURENS WATCHES
G.B. JEWELLERY
GEORGE BUSUTTIL
451, Fleur-de-lys Road, B'Kara - Tel: 21 499 679
LORENZ WATCHES